MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Numru. 620/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Jerken Decelis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jerken Decelis detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 12884M:

1. Akkuzat talli fit-28 ta' Gunju, 2009 ghall-habta tal-10:30 hrs gewwa Triq iz-Zejtun Marsaxlokk minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi, u cioe' sfregu gravi u permanenti fil-wicc, fuq il-persuna tal-ex tfajla Natalie Camilleri miz-Zejtun skond ma ccertifikat it-tabiba Dr. Mariella Caruana mic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' hgiega ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIC 150, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centemzu (1,164.69) imma huwa izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta' Natalie Camilleri;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil Natalie Camilleri biza li ser tintuza vjolenza meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza';
4. Aktar talli fl-istess data, hn, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat storbju jew mod iehor;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Natalie Camilleri u dan sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jghamlilha hsara.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' Natalie Camilleri minn fastidju jew imgieba ohra li jikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412(C) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Natalie Camilleri u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 23 t'Ottubru, 2009,[1] fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a), 216(1)(b) u 216(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 251B(1), 251B(2), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] A fol. 83A tal-process.

(d) Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(e) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(f) Fl-artikoli 17, 31, 383(1), 383(2), 383(3), 384, 385(1), 385(2), 385(3), 385(4) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta’ Marzu, 2012,[2] l-imputat Jerken Decelis iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta’ dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li fuqhom ma hemmx divergenza sostanzjali bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. L-imputat u l-*parte civile* Nathalie Camilleri kienu johorgu flimkien ghal cirka seba’ snin, izda hames xhur qabel l-incident infirdu, izda baqghu johorgu flimkien bhala hbieb sa xi xahar qabel l-incident. L-imputat ma accettax id-decizjoni ta’ Nathalie Camilleri li ma jibqghux johorgu flimkien.

[2] Ara fol. 84 tal-process.

2. Lejlet l-incident, l-imputat kien cempel diversi drabi lil Camilleri, imma hi ma wegbitux. Dak in-nhar tal-incident, l-imputat kien fil-karozza ma' missieru. Hin minnhom ra ghaddejja ssuq il-karozza taghha Toyota Vitz u cemplilha u qalilha biex tieqaf issuq ghax ried ikellimha.

3. Camilleri waqfet il-karozza u l-imputat mar hdejha u staqsiha biex tnizzel il-hgiega tat-tieqa ghax ried ikellimha. Hi rrifjutat li taghmel dan.

4. L-imputat irrabbja u ta daqqa ta' ponn lill-hgiega tal-karozza n-naha tax-xufier fejn kienet bil-qieghda Camilleri. Bid-daqqa idu baqghet diehla ghal fuq wiccha u qasmilha taht ghajnejha.

5. It-tabiba Dottor Maria Caruana) iccertifikat il-ferita miftuha taht ghajn il-leminija ta' Camilleri bhala wahda gravi (sfregju).[3]

6. Camilleri inkorriet l-ispiza ta' €300 sabiex bidlet il-hgiega tal-karozza u l-*winder* taghha.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Irtirar tal-Kwerela*

Din il-Qorti se tikkonsidra fl-ewwel lok il-verbal li sar mill-*parte civile* debitament assistita mil-legali taghha fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012,[4] fl-istadju tal-provi tad-difiza, u cioe *"Nathalie Camilleri prezenti fl-awla tiddikjara li qeghda tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli f'dan il-kaz u tikkonferma li thallset tad-danni sofferti."*

[3] Ara certifikat ezebit a fol. 6 tal-process.
[4] Ara fol. 84 tal-process.

Pero l-Artikoli kollha indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju huma kollha prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, u ghalhekk din il-Qorti xorta trid tikkunsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet.

*L-Imputazzjonijiet ta' Ferita Gravi*

Mix-xhieda ta' Dottor Mariella Caruana jirrizulta li Nathalie Camilleri sofriet ferita miftuha taht l-ghajn il-leminja u kellha bzonn il-punti. Il-ferita kienet ta' xi pulzier. Meta hi giet mistoqsija jekk din il-ferita hix se tibqa' marka hija wiegbet hekk *"Hafna drabi tista tibqa' xi ftit marka. Impossibbli ma jkun hemm xejn marki."*[5]

Issa fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jaghmel referenza ghar-reati ta' offiza gravi kontemplati fl-Artikolu 216(1)(a) u 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 216(1)(a) tal-Kodici Kriminali jikkontempla kazijiet fejn il-ferita iggib debbolizza jew difett permanenti f'xi parti tal-gisem – kazijiet li ma jirrizultawx fil-kaz odjern, u ghalhekk l-imputat mhux hati tar-reati kontemplati f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 216(2) li hu konness mieghu

L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jikkontempla *inter alia* l-kaz fejn il-ferita *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ."* Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[6] irriteniet hekk: *"B'mankament (jew fit-test taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspett notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V.,* ***Trattato di Diritto Penale Italiano****, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn*

[5] Ara xhieda ta' Dottor Mariella Caruana a fol. 40 tal-process.
[6] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano

*distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (**Il-Pulizija v. Emily Zarb**, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[7] kompliet tispjega hekk: *"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi* ***u*** *permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[8] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti).

Mix-xhieda ta' Dottor Caruana, il-Qorti hija tal-opinjoni li bid-daqqa ta' ponn tal-imputat, Camilleri sofriet sfregju f'wiccha li jammonta ghal ferita gravi.

Pero mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li meta ta d-daqqa ta' ponn, l-imputat kellu biss l-intenzjoni li jkisser il-hgiega tat-tieqa tal-karozza ta' Camilleri u mhux ukoll li jaghti daqqa ta' ponn lil Camilleri. Ghalhekk, il-Qorti ssib li l-imputat huwa hati ta' offiza gravi involontarja fuq Camilleri. Billi mill-provi ma jirrizultax li din il-ferita gabet il-konsegwenzi imsemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u fil-fatt dan l-Artikolu lanqas hu elenkat fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, il-Qorti ssib li l-imputat hu hati ta' offiza gravi involontarja kontemplata fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

---

[7] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.
[8] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J.Mamo** a fol. 228.

*L-Imputazzjoni ta' Hsara Volontarja*

L-imputat mhux jikkontesta li hu kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura ta' Camilleri ta' €300, u fil-fatt hu hallasha dan l-ammont.

Ghalhekk, il-Qorti issibu hati ta' hsara volontarja ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

*L-Imputazzjoni li kkaguna biza li se tinzuza vjolenza kontra l-Parte Civile*

Fix-xhieda taghha, Nathalie Camilleri tghid li sa xahar qabel l-incident kienet ghada tohrog bhala hbieb mal-imputat, u li l-lejlet l-incident kienet kelmitu normali fuq il-mobile. Inoltre, Camilleri waqfet issuq minn jeddha, meta l-imputat ra fit-triq u cemplilha u qalilha biex tieqaf ghax ried ikellimha. Ghalhekk mill-provi ma jirrizultax li Camilleri kienet qed tibza' li l-imputat kien se juza vjolenza kontriha.

Dan kien incident uniku u izolat u konsegwentement l-imputat mhux hati ta' din l-akkuza.

*L-Imputazzjonijiet tal-Kontravvenzjonijiet*

Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat hebb ghal Nathalie Camilleri, u ghalhekk l-imputat mhux hati tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Fir-rigward tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(dd), mill-provi jirrizulta li l-imputat kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat hallas pekunarjament lill-parte civile ghad-danni li kkagunalha, u l-parte civile rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali istitwitha minnha – ghalkemm dan ghar-ragunijiet fuq spjegati ma setghetx taghmlu. Pero xorta jibqa' l-fatt li jirrizulta li l-parte civile m'ghandhiex aktar interess f'dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat.

Il-fedina penali tal-imputat fiha tlett kundanni, wahda ta' pussess semplici tad-droga kokajina u droga ohra regolata mill-Kapitolu 31, kundanna ohra ghal traffikar tad-droga ecstacy u pussess tad-droga kokajina, u kundanna ghal ksur tal-ligijiet dwar gestjoni ta' bar.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma hix tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva hija idonea fic-cirkostanzi.

Inoltre, in vista tal-fatt li l-parte civile iddikjarat li m'ghandhiex aktar interess f'dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat u ma talbitx li ssir garanzija favur taghha, il-Qorti ma tarax in-necessita li torbot lill-imputat b'garanzija favur taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 216(1)(a), 216(2), 251B(1), 251B(2), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnhom;

2. issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplat fl-Artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 kif dedotti kontra l-imputat, izda issibu hati tar-reat kompriz u involut ta' ferita gravi involontarja, kontemplat fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' disa' (9) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------